UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/05/2024]
29 ta' Mejju 2024

ID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX TQASSAM FUQ TLIET MITT ELF EWRO F'KARITÀ

Parti mill-ħidma tal-Uffiċċju Djakonija tad-Djoċesi ta' Għawdex hi li jissensibilizza l-komunità Nisranija favur istituzzjonijiet li jaħdmu ma' persuni vulnerabbli jew jiddependu ħafna mid-donazzjonijiet għall-ħidma tagħhom.

Barra minn hekk, l-istess Uffiċċju jara li meta jkun hemm emerġenzi internazzjonali, bħal fil-każ ta' diżastri naturali, il-komunità Nisranija twieġeb b'ġenerożità għall-għajnuna li tkun qed tintalab.

Matul is-sena 2023, id-Djoċesi ta' Għawdex ġabret u qassmet €318,218.29 f'għajnuna lil istituzzjonijjiet lokali u internazzjonali, grazzi għall-ġenerożità tal-poplu Għawdxi.

L-għotjiet miġbura tqassmu hekk:

DATA	DESTINAZZJONI	AMMONT
01/01/2023	Dar tal-Providenza	€34,546.83
19/02/2023	It-Turkija u s-Sirja (Elemożinerija Appostolika)	€65,000.00
16/04/2023	Is-Seminarju Maġġuri	€23,211.94
04/06/2023	Dar Arka	€14,681.00
24/09/2023	Il-Marokk u l-Libja	€28,579.00
01/10/2023	Hospice Malta *	€14,153.75
22/10/2023	Jum Dinji Missjunarju	€74,000.00
19/11/2023	Jum il-Karità (Caritas djoċesana)	€23,419.07
Dati differenti	L-Art Imqaddsa (Patrijiet Franġiskani)	€20,618.06
Dati differenti	Little Sisters of the Poor *	€20,008.64
	TOTAL	**€318,218.29**

** Il-ġbir sar fuq iz-zuntier*